# Kunsill Lokali L-Imġarr

22, Triq Sir Harry Luke, L-Imġarr, MGR 1501, Malta
Tel : 21 520011 / 27 520011 Fax : 21 522252
mgarr.lc@gov.mt
*www.mgarrlc.com*

## Seduta numru 7 tas-7 Leġislatura
## Illum it-Tlieta 3 ta' Settembru 2013

**MINUTI**

Il-Membri li jikkomponu is-7 Leġiżlatura tal-Kunsill Lokali ta' l-Imġarr iltaqgħu fl-Uffiċċju Amministrattiv għas-Seduta Numru 7 tas-7 Leġiżlatura tal-Kunsill Lokali Mġarr nhar it-Tlieta 3 ta' Settembru 2013 fis-2:30pm, fl-Uffiċċju Amministrattiv, fuq din l-aġenda:

1. Approvazzjoni tal-Minuti
2. Korrispondenza
3. Kommunikazzjonijiet
4. Miżura 313
5. Attivita' European Cooperation Day
6. Affarijiet Mixxelanji

Kienu preżenti is-Sindku Paul Vella, Id-Deputat Sindku Eman Vella, Il-Kunsillier Clayton Gauci, il-Kunsillier Elizabeth Ebejer u l-Kunsillier Mario Sammut, flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv Cyprian Dalli.

Il-laqgħa ġiet immexxija mis-Sindku, Paul Vella.

**1 Minuti**

1.1 Il-Minuti ġew meqjusa moqrija u wara konsiderazzjoni ġew approvati kif ippreżentati u għalhekk iffirmati mis-Segretarju Eżekuttiv u s-Sindku.

**Punti mill-Minuti**

1.2 dwar punt 1.2 : Eman Vella informa li il-mawra ippjanata f' Settembru għall-Castelmola fi' Sqallija kienet ġie imħassra. Hemm possibilita' li din issir aktar 'il quddiem.

1.3 dwar punt 6.1 : Clayton Gauci informa li it-tournament tal-volleyball kien tħassar peress li kien diġa' sar ieħor fil-bidu tas-sajf

1.4 dwar punt 4.2 : il-Kunsill qabel li jilqa' l-offerta ta' Denfar Ltd. Dwar is-sejħa ta' provista ta' konkos marbuta mal-proġett tal-Miżura 125. Dan iżda għandu jiġu approvat biss dment li il-proġett tal-Miżura jiġi approvat.

1.5 dwar punt 5 : is-Sindku informa li wara analiżi tal-andament tal-festa, kien qed jipproponi li ssir laqgħa mal-Kumitat tal-festa biex jiġu esplorati modi ta' kooperazzjoni biex il-festa tkun organizzata aħjar. Il-Kunsill qabel biex din il-laqgħa sseħħ.

1.6 dwar punt B4 : Is-Segretarju Eżekuttiv informa li kien irċieva email mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar il-każ tat-talba tal-Uffiċċjal għall-Grad 11, u li fiha id-Dipartiment reġa' għamel referenza għall-email mibgħuta mill-istess Dipartiment f' Novembru 2012. Kien għadu m' hemmx b' mod ċar jekk din is-sejħa kinitx qed tiġi approvata mid-Dipartiment jew le.

1.7 dwar punt 7.5 : Eman Vella informa li kien tkellem mad-Direttur Ġenerali tax-Xogħlijiet Pubbliċi li min-naħa tiegħu bagħat lill-Periti tiegħu biex jistudjaw il-każ. Saret applikazzjoni lill-MEPA biex ikun jista' jitnaddaf il-wied, liema permess ikun hemm bżonn li jiġġedded annwalment.

## 2 Korrispondenza

2.1 Ġew innuttati diversi memos mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

2.2 Ġew innuttati diversi korrispondenzi u notifikazzjonijiet mingħand il-MEPA.

2.3 Korrispondenza mingħand Heritage Malta dwar bilboards informattivi fiż-Żebbiegħ peress li il-Kunsill irċieva il-kont tagħhom. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li kien ser jikkontesta dan il-kont peress li qatt ma ssemma' li din l-ispiża ser tintrefa' mill-Kunsill.

2.4 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq ilment li kien irċieva il-Kunsill dwar ħmieġ li qed ikun hemm f' Għajn Tuffieħa (Riviera Martinique). Il-Kunsill qabel li jintbgħatu il-handymen biex innaddfu il-post u jaraw x' hemm bżonn isir.

2.5 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq żewp proposti minn żewġ gruppi differenti biex isiru Clean-Ups il-Ġnejna. Waħda ser tnaddaf il-bajja filwaqt li l-oħra ser tiġbor ħmieġ mill-ġo qiegħ il-baħar. Il-Kunsill approva u ser ikun qed jipprovdi skips u marterjal ieħor għall-ġbir ta' skart.

## 3. Komunikazzjonijiet

3.1 Mario Sammut ressaq proposta li ssir traffic-mirror (70cm) f' Ras il-Ġebel. Il-Kunsill approva.

3.2 Is-Sindku informa li kien tnaddaf il-wied ta' Binġemma mill-handymen tal-Kunsill.

3.4 Is-Sindku informa li il-handymen kienu wkoll wettqu xogħol fuq żewp zoni ta' bankina fi' Triq San Filippu.

## 4. Miżura 313

4.1 Eman Vella informa li kellu laqgħa mal-MEUSAC dwar din il-Miżura. Kien qed jiġi propost li l-Kunsill japplika biex isir Heritage Trail li jibda' mil-Wesgħat il-Ġublew (quddiem il-bini tal-Kunsill) u jitla' lejn Ta' Darrenzi, minfejn jinfetaħ f' żewġ destinazzjonijiet : wieħed imur lejn il-Banjijiet Rumani filwaqt li l-ieħor iwassal sat-tempji ta' Skorba. Din l-applikazzjoni għall-din il-Miżura tkun qed tinkludi :

- Trail jimxi fuq il-bankini eżistenti li jiġu rinnovati;
- isiru numru ta' bankijiet fejn wieħed jista' jistrieħ;
- jitwaħħlu numru ta' pannelli informattivi dwar il-postijiet ta' interess;
- jitwaħħlu dwal mal-bankini;
- isir servizz ta' tindif fiz-zona ta' Darrenzi;
- isir pubblikazzjoni ta' fuljetti informattivi.

4.2 Eman Vella informa li l-Kunsill ikollu bżonn li jidħol membru u li l-miżata għall-dan hija ta' €500; somma li tkun rifonduta lura lill-Kunsill aktar tard.

**5. Attivita' Europe Cooperation Day**

5.1 Eman Vella spjega kif saret talba sabiex il-Kunsill jipparteċipa fil-European Cooperation Day li ser issir f' Settembru. Dan l-aktar minħabba il-fatt li l-Kunsill ipparteċipa fi' proġetti tal-EU. Semma' li kienet saret konsultazzjoni dwar l-attivitajiet li jistgħu isiru u kien qed jipproponi li:

- issir vista ta' tfal mill-lokalita' fl-imsaġar taċ-ċipress fil-Ġnejna u l-Ballut u fihom issirilhom spjegazzjoni tat-tkabbir u l-manteniment ta' dawn is-siġar u l-użu tagħhom, speċjalment mill-istudji li saru fil-proġett Cypfire, li fih il-Kunsill kien sħab. Wara it-tfal imorru il-Kunsill fejn jagħmlu tpinġija u crafts relatati mas-siġar u mal-ambjent.

5.2 Il-Kunsill qabel dwar din il-proposta. Il-ħaddiema tal-Kunsill ser ikunu qed jgħinu matul din l-attivita'.

**6. Affarijiet Mixxellanji**

6.1 Mario Sammut informa li kienet ser issir mawra għall-Morbach fil-Ġermanja, biex isir żjara ta' korteżija lill-pittur Olaf Schabbach. Din iż-żjara ser isir bħala preparament għall-possibilita' ta' ftehim ta' ġemelleġġ bejn l-Imġarr u din il-lokalita' fil-futur. Din iż-żjara ser tkun imħallsa direttament mill-Kunsilliera li ser ikunu qed jattendu għaliha.

6.2 Eman Vella semma' li kien irċieva ħafna ilmenti dwar ġrieden mal-bring-in sites fi' Triq San Pietru.

6.3 Clayton Gauci talab update tal-istat fejn wasal l-iżvillupp tal-ġnien tal-Housing Estate. Is-Sindku informa bl-aħħar żvilluppi dwar il-każ.

6.4 Mario Sammut talab informazzjoni dwar il-proġett tal-playing field f' Wesgħat il-Ġublew. Is-Sindku tah l-aħħar zżvilluppi li kien hemm.

6.5 Elizabeth Ebejer ressqet il-ħtieġa li jsiru traffic lights fi' Triq Sir Temi Zammit. Il-Kunsill qabel li din it-talba tintbgħat lir-Reġjun għall-kunsiderazzjoni ta' Transport Malta.

6.6 Elizabeth Ebejer infurmat li il-korsijiet tal-Life-Long Learning kienu jistgħu isiru bla ħlas fil-bini tal-Kunsill. Fi' Frar kienet ser tara x' inhu mitlub mill-Kunsill sabiex dan ikun jista' jseħħ. Semmiet ukoll li kienet tkellmet mal-MEUSAC dwar proġetti ta' Life-Long Learning barra minn Malta.

6.7 Mario Sammut semma' li kien hemm rispons posittiv fuq il-Youth Exchange li kienet saret fil-Portugal u li kienet ser issir oħra fil-Polonja.

# Kunsill Lokali L-Imġarr

22, Triq Sir Harry Luke, L-Imġarr, MGR 1501, Malta
Tel : 21 520011 / 27 520011   Fax : 21 522252
mgarr.lc@gov.mt
***www.mgarrlc.com***


6.8 Mario Sammut informa li kellu bżonn l-artiklu mingħand il-kunsilliera biex jiġi ppubblikat fil-Miġbħa.

6.9 Eman Vella semma' li kien irċieva diversi ilmenti dwar ħmieġ fit-toilets tal-Ġnejna. Il-kuntrattur kien ser jiġi infurmat dwar dan biex jieħu passi.

**Aġġornament**

Is-Seduta ntemmet fis-6.10pm  u ġiet aġġornata għal-Erbgħa, 16 ta' Ottubru 2013.

***Cyprian Dalli***
Segretarju Ezekuttiv

***Paul Vella***
Sindku